# IL-PAPAT TAL-15 SEKLU

**PAPA GIRGOR XII (1406-1415)**



Ghal darb'ohra l-kardinali rabtu lilhom infushom li r-ragel li jigi elett papa kellu jabdika biex tintemm ix-xizma jekk Benedittu XIII jaghmel l-istess. U biex ikunu zguri li jsehh dan ghazlu lil Angelo Corrario, bniedem fis-sebghinijat u bniedem ta' principji. Ha l-isem ta' Girgor XII.  Angelo twieled gewwa Venezja minn genituri nobbli.  Inhatar isqof ta' Castello fis-sena 1380 u kardinal fis-sena 1400.  Kien ragel ta' tjieba kbira u kellu xewqa kbira li x-xizma tintemm.

Ghal bidu deher li Girgor kien ser izomm kelmtu.  Huwa gharraf lil Benedittu XIII li kien gie maghzul Papa u li kien ser jabdika. Dehru tamiet fid-dlam meta Benedittu XII ftiehem li ghal anqas kien ser jiltaqa' ma' Girgor imma malajr inkixef li

hadd ma kien ser jabdika ghaliex ma seghtax jinstab ftehim. Wiehed kien jistenna dan minn Benedittu izda l-imgieba ta' Girgor kienet wahda dizappuntanti. Ir-raguni ghal dan kien li qrabatu flimkien ma' Ladislaw re ta' Napli kienu qed jaghmlu pressjoni kbira biex ma jcedix u Girgor ikkuntenthom.



Il-kardinali ta' Girgor intlew qilla ghalih meta saru jafu li Girgor mar kontra kelmtu u hatar 4 kardinali ohra godda kollha neputijiet tieghu.  Xi kardinali hallew lil Girgor u bdew negozjati ma' kardinali tal-parti ta' Avignon  (tal-Papa Benedittu XIII) daqstant iehor disgustati.  Ikoll sejhu koncilju generali gewwa Pisa fuq inizjattiva taghhom u talbu kemm lil Girgor u lil Benedittu jidhru quddiemhom. Meta hadd minnhom ma deher huma ddikjaraw liz-zewg papiet imnehhija mill-kariga taghhom u ghamlu elezjoni ghall-papa gdid. U nhatar papa bl-isem ta' Alessandru V. Girgor ma qaghadx b'idejh fuq zaqqu quddiem din il-minaccja. Huwa hatar 10 kardinali godda flok dawk ribelli u laqqa' il-koncilju tieghu. Dan ikkundanna lil Benedittu u lil Alessandru.

Il-knisja issa kienet tinsab f'tahwid akbar. Alessandru miet u floku lahaq papa li ha l-isem ta' Giovanni XXIII. Giovanni XXIII kellu pressjoni kbira biex ilaqqa' koncilju generali halli jtemm din il-qasma fil-knisja. Dan il-koncilju ltaqa f'Kostanz fis-sena 1414 u irnexxilu jgib fi tmiemha din ix-xizma.  Malatesta li kien habib kbir ta' Girgor talbu biex izomm kelmtu u jabdika kif kien wieghed fl-elezzjoni. Girgor accetta u baghat legat tieghu biex ihabbar l-abdikazzjoni tieghu formalment. U hekk implicitament dan il-koncilju kellu l-barka ta' Girgor.  Giovanni XXIII ukoll accetta li jinzel mill-kariga tieghu. Izda Benedittu XIII webbes rasu. Kulhadd telqu hlief ghal tlett kardinali u abbandunat mis-setghat kollha tad-dinja tilef kull rispett.

Girgor XII kien meqjus bhala l-papa legittimu mill-koncilju u wara l-abdikazzjoni tieghu kien inkarigat li jaqdi d-dmirijiet tieghu ta' isqof gewwa Porto.  Huwa miet gewwa Recanati f'Ottubru 18, 1417.